32001D0288

10.4.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 99/11

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' April 2001

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE li ddaħħal miżuri Komunitarji għal kontrolli ta' ċertu mard tal-ħut, fir-rigward tal-lista ta' laboratorji ta' riferenza nazzjonali għal mard tal-ħut

*(notifikat bid-dokument numru K (2001) 1012)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2001/288/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE tal-24 ta' Ġunju 1993, li ddaħħal miżuri minimi Komunitarji għal kontroll ta' ċertu mard tal-ħut ([1]), kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 2000/27/KE ([2]), u partikolarment l-Artikolu 18, fit-tieni paragrafu, tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12(1) tad-Diretttiva 93/53/KEE igħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'kull Stat Membru jkun nominat laboratorju ta' riferenza nazzjonali, bil-faċilitajiet u l-personal espert li jagħtuh il-poter li juri f'kull waqt, u speċjalment meta l-marda fil-kwistjoni tfiġġ għall-ewwel darba, t-tip, is-sotto-tip u l-varjanti tal-virus rilevanti u li jikkonferma r-riżultati miksuba fil-laboratorji dijanjostiċi reġjonali;

(2) Il-lista ta' laboratorji ta' riferenza nazzjonali għal mard tal-ħut huma stipulati fl-Anness A tad-Direttiva 93/53/KEE.

(3) Il-lista hemm bżonn li tiġi aġġornata.

(4) Il-miżuri li hemm provduti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma'l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness A tad-Direttiva 93/53/KEE huwa hawnhekk mibdul permezz ta' l-Anness ta' hawn.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' April 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 175, tad-19.7.1993, p. 23.
([2]) ĠU L 114, tat-13.5.2000, p. 28

*L-ANNESS*

*"L-ANNESS A*

**LABORATORJI TA' RIFERENZA NAZZJONALI GĦALL-MARD TAL-ĦUT**

| | |
|---|---|
| Il-Belġju: | CODA Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie<br>CERVA Centre d'étude et de recherches vétérinaires et agrochimiques<br>Groeselenberg 99<br>B-1180 Brussel/Bruxelles. |
| Id-Danimarka: | Statens Veterinære Serumlaboratorium<br>Fødevareministeriet<br>Hangøvej 2<br>DK-8200 Århus N. |
| Il-Ġermanja: | Bundesforschungsanstalt für Viruskrankheiten der Tiere<br>Boddenblick 5a<br>D-17498 Insel Riems. |
| Il-Greċja: | Laboratorju tal-Patoloġija tal-Ħut u l-biopatoloġija ta' l-Organiżmi ta' l-Ilma<br>Ċentru ta' l-Istitut Veterinarju u Mard Parasitiku ta' Atene<br>25 Neapoleos ST.<br>GR-153 10 Ag. Paraskevi Attiki. |
| L-Ispanja: | Laboratorio Central de Veterinaria de Algete<br>Madrid. |
| Franza: | Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA)<br>Laboratoire d'études et de recherches en pathologie des poissons (LERPP)<br>Technopôle Brest Iroise BP 70<br>F-29280 Plouzane. |
| L-Irlanda: | Ċentru ta' RIċerka tal-Ħut Abbotstown<br>Castleknock<br>Dublin15<br>L-Irlanda. |
| L-Italja: | Istituto zooprofilattico sperimentale delle Venezie<br>Via Romea 14/A<br>I-35020 Legnaro, Padova |
| Il-Lussemburgu: | CODA Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie<br>CERVA Centre d'étude et de recherches vétérinaires et agrochimiques<br>Groeselenberg 99<br>B-1180 Brussel/Bruxelles. |
| L-Olanda: | Laboratorju tal-Mard tal-Ħut<br>ID-Lelystad<br>Istitut ghax-Xjenza ta' l-Animali u s-Saħha<br>Edelhertweg 15<br>PO Box 65<br>8200<br>AB Lelystad |
| L-Awstrija: | istituzzjoni für Hydrobiologie, Fisch- und Bienenkunde<br>Veterinärmedizinische Universität Wien<br>Veterinärplatz 1<br>A-1210 Wien. |
| Il-Portugal: | Laboratório Nacional de Investigação Veterinária<br>Estrada de Benfica 701<br>P-1500 Lisboa. |
| Il-Finlandja: | Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos (EELA)<br>PL 368<br>FIN-00231 Helsinki. |
| L-Isvezja: | Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA)<br>S-751 89 Uppsala. |

| | |
|---|---|
| Ir-Renju Unit: | Laboratorju CEFAS Weymouth<br>Barrack Road<br>Weymouth DT4 8UB<br>Ir-Renju Unit. |
| | Il-Laboratorju Marittimu<br>PO box 101<br>Victoria Road<br>Aberdeen AB9 8DB<br>Ir-Renju Unit |